**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**

**GURISDIZZJONI SUPERJURI – SEZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT DR. MONICA VELLA LL.D., M. JUR.**

**Rikors Numru 65/2015 MV**

**Francis Buttigieg (KI nru: 15942G)**

**u ibnu Frankie Buttigieg (KI nru 576 G) ta' Nigret, Triq Federico Barocci, Qala, Għawdex**

**Vs**

**Anthony Agius (KI nru 90050 G)**

**Ta' Familja Agius, Triq l-Imġarr, Qala, Għawdex**

**Wayde Francis Camilleri (KI nru 10871 G)**

**Ta' 9, Triq il-Knisja, Nadur, Għawdex.**

**Illum 10 t'April, 2025.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Francis Buttigieg li jaqra s-segwenti:

"1. Illi l-esponent Francis Buttigieg huwa l-proprjetarju filwaqt li hu flimkien m'ibnu Frankie huma l-attwali pussessuri ta' porzjonijiet divizi ta' raba fl-inħawi magħrufa bħala 'Tal-Marġa' jew 'Il-Ħalq' fil-Qala, Għawdex liema raba jinħadmu kollha mill-esponenti;

2. Illi r-raba tal-esponenti tiġi fin-nofs u tibqa niezla l-isfel mentri r-raba tal-konvenut Anthony Agius qiegħda in-naħa ta' fuq u tmiss ma' passaġġ;

3. Illi minn ġo dan ir-raba għaddejja mina li ilha tezisti għexirien ta' snin minn fejn tgħaddi n-nixxiegħa tal-ilma;

4. Illi l-mina għandha l-bokka tagħha tal-arja fl-għalqa tal-konvenut Anthony Agius li tibqa niezla minn taħt l-art għall-għajn / ġiebja li tintuza esklussivament mill-atturi u wara terġa toħroġ fil-kanali għal ġol għalqa tal-esponenti u tispiċċa hemm;

5. Illi bejn it-Tnejn, 27 ta' Lulju 2015 u s-Sibt 1 ta' Awwissu 2015, l-istess konvenuti personalment jew min minnhom jew terzi minnhom imqabbda ikkommettew spoll vjolenti u klandestin a detriment tal-istess atturi u dan billi ad insaputa tal-istess atturi u għaliex jippretendu

li għandhom xi jedd, nizlu ġol mina fil-parti taħt l-għalqa tagħhom u bnew ħajt b'tali mod u manjiera li l-ilma ma għadux jibqa niezel 'l isfel fil-perkors tiegħu pero nzamm fuq b'tali mod li l-esponenti ġew imtellfa mit-tgawdija tal-ilma u dan kif jidher mir-ritratti annessi u mmarkati bħala dok E 1 sa' E 11;

6. Illi nonostante l-fatt illi l-istess konvenuti ġew interpellati biex jispurġaw l-istess spoll vjolenti u klandestin minnhom kommess, dawn baqgħu inadempjenti;

Jgħidu għalhekk l-istess konvenuti għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:

1. Tiddikjara illi huma personalment jew min minnhom personalment jew bl-għajnuna ta' terzi persuni ikkommettew spoll vjolenti u klandestin billi qabdu u daħlu fil-mina u għamlu xogħolijiet b'tali mod li tellfu l-perkors naturali tal-ilma li minn zmien immemorabbli jibqa niezel 'l isfel għal ġol għajn u l-kanali bħal ma kien jagħmel għal għexieren ta' snin;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss jispurġaw l-istess spoll vjolenti u klandestin minnhom kommess u jpoġġu kollox fl-istat pristinu tiegħu;

3. F'kaz li dan iz-zmien jgħaddi inutilment għaliex l-istess atturi ma għandhomx jiġu awtorizzati li jagħmlu l-istess xogħolijiet huma għas-spejjez tal-istess konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra uffiċjali numru 541/2015 datata għaxra (10) ta' Awwissu 2015 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma imħarrka.

Rat ir-risposta ipprezentata mill-intimati Anthony Agius KI nru 90050 G ta' Familja Agius, Triq l-Imġarr, Qala, Għawdex et u Wayde Francis Camilleri 10871 G ta' 9, Triq il-Knisja, Nadur, Għawdex fejn eċċeppew:-

"1. Illi fl-ewwel lok ai termini tal-Artikolu 158 tal-Kap 12 il-konvenuti jiddikjaraw illi huma qed jikkontestaw il-premessi kollha tal-atturi kif magħmula fir-Rikors Ġuramentat tagħhom;

2. Illi t-talbiet tal-atturi kif dedotti fir-rikors ġuramentat tagħhom huma infondati fid-dritt u fil-fatt;

3. Illi fil-fatt din l-azzjoni ma tistax tirnexxi peress illi ma jissusstixxux l-elementi ta' spoll u ċioe il-*possidesse*, *spoliatum fiusse* u *infra bimester deduxisse*;

4. Illi l-konvenuti ma ikkommettew l-ebda spoll fil-konfront tal-atturi u għalhek it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra tagħhom;

Għaldaqstant it-talbiet kollha tal-atturi għandhom jiġu respinti.

Bl-ispejjez kontra tagħhom.

Salv eċċezzjoniijet oħra fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-atti kollha.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda.

Rat u qieset il-provi u d-dokumenti kollha mressqa mill-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

L-atturi Buttigieg jippossedju u jaħdmu porzjonijiet divizi ta' raba fl-inħawa magħrufa bħala Tal Marġa jew Il-Ħalq fil-Qala Għawdex. Il-konvenut Anthony Agius għandu raba li tmiss ma' passaġġ in-naħa ta' fuq tar-raba tal-atturi.

Illi minn din ir-raba tal-konvenut Anthony Agius għaddejja mina, minn fejn tgħaddi nixxiegħa tal-ilma. Il-bokka tal-arja ta' din il-mina tinsab fil-proprjeta tal-konvenut Anthony Agius. Da parti tagħhom, il-konvenuti jgħidu li din il-bokka tal-arja hija fil-fatt spiera.

L-atturi jissottomettu illi n-nixxiegha tibqa niezla minn taħt l-art għall-għajn li tintuza esklussivament mill-atturi.

Fis-27 ta' Lulju 2015 l-atturi marru fir-raba tagħhom u saqqew ir-raba.

Fl-1 ta' Awwissu l-atturi jallegaw illi reġgħu marru jsaqqu ir-raba izda indunaw li ma kellhomx ilma.

L-atturi jippremettu fil-premessi tar-rikors ġuramentat tagħhom li bejn is-27 ta' Lulju 2015 u l-1 ta' Awwissu 2015, il-konvenuti nizlu ġol-mina fil-parti taħt l-għalqa tagħhom u bnew ħajt b'tali mod u manjiera li l-

ilma ma għadux jibqa niezel ‘l isfel fil-perkors tiegħu u għalhekk l-atturi ġew imtellfa mit-tgawdija tal-ilma. Da parti tagħhom il-konvenuti jgħidu illi huma intebħu li l-molqa kienet tkissret u irranġawha fid-29 ta’ Mejju bil-ġebel u bit-tafal.

B’hekk, l-atturi jgħidu li l-konvenuti ikkomottew spoll vjolenti u klandestin a detriment tagħhom.

Il-konvenuti jgħidu it-tliet elementi ta’ spoll huma ilkoll monki.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Provi**

Xehed **l-attur Francis Buttigieg** permezz tal-affidavit. Jgħid illi huwa għandu r-raba magħruf bħala Tal Ħalq jew tal-Marġa, liema raba ilha għand il-familja tiegħu qrib is-sebgħin sena. Kienet oriġinarjament tinħadem minn missieru u sussegwentement għaddiet f’idejh. Jixhed li missieru kellu l-area kollha f’idejh għajr għal biċċa żgħira in-naħa ta’ fuq fejn hemm il-bokka tan-nifs. Jiftakar l-ilma nieżel għal ġol ġiebja u lil missieru jiftaħ il-bokka u l-ilma joħroġ għal ġol kanali. Ilma dejjem kien ġej u ma kien jieqaf qatt. Ikompli jgħid li għal bidu din ir-raba kienet f’kera ta’ waħda magħrufa bħala Grezja tal-Maxxellar. Sussegwentement din riedet tbiegħ u huwa u l-konvenut Toni Agius ftehmu li jixtruwha bejniethom. Ftehmu kif jaqsmu ir-raba bejniethom. Ftehmu li l-konvenut jieħu l-bir ġol għalqa tiegħu u l-attur jieħu l-mina u l-ġiebja mar-raba tiegħu. Sar il-konvenju.

Ikompli jgħid li l-konvenut mar minn wara dahru u xtara r-raba kollha. Imbagħad il-konvenut kien infurmah li r-raba xtraha huwa. L-attur bagħat ittra bl-avukat lill-konvenut. Wara ftit jiem, il-konvenut kien kellmu u infurmah li jrid jirranġa billi jibqgħu għaddejjin kif kienu

qabel. B'hekk, il-konvenut Toni Agius biegħ ir-raba lill-attur b'kuntratt tat-tlettax ta' Ġunju 1986. L-attur jgħid li lilu kien messu r-raba tan-nofs bl-għajn u l-mina magħha filwaqt li lil Toni kien messu dik il-parti tan-naħa ta' fuq li tmiss ma' passaġġ. F'din tan-naħa ta' fuq hemm il-bokka tan-nifs tal-mina mertu ta' din il-kawża. Minn hemm Toni Agius ma jistax jiġbed ilma għaliex dik qiegħda għan-nifs u ovvjament hemm hekk ma jkunx hemm ilma għaliex jibqa nieżel 'l isfel. Jgħid lil-għalqa ta' Toni dan l-aħħar beda jaħdimha Wayde Camilleri.

Ikompli jixhed illi fl-għalqa ta' Katerina Portelli kien waqa biċċa mis-saqaf tal-mina. Jispjega li huma kienu naddfu l-gandott sabiex l-ilma jibqa nieżel imma peress li t-trab dejjem nieżel anke peress li s-sidien tagħha jaħdmuha din it-toqba timtela bi ftit trabb u iżżomm xi zewġ pulzieri ilma u l-kumplament jibqa nieżel. Jispjega li nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2015 huwa u it-tifel tiegħu Frankie marru u ssaqqew mill-ġiebja. Ħlew il-ġiebja kollha. Is-Sibt 1 ta' Awwissu reġgħu marru, din id-darba flimkien mat-tifel l-ieħor Ronnie, u marru biex jittawwlu ġewwa l-ġiebja sabu li din kienet għadha vojta u mit-toqba minn fejn timtela ma kien ġej xejn. Niżlu jittawwlu ġol mina u sabu li kien hemm ħajt mibni għoli xi erba' piedi. Dan il-ħajt kien mibni għan-nofs taħt l-għalqa ta' Toni Agius. Wara dan il-ħajt kien qiegħed iżomm ilma mhux ħażin għaliex kien qiegħed jimblokka milli l-ilma jinżel 'l isfel. Il-konvenut bagħat lil Frankie u lir-Ronnie sabiex ikellmu lil Wayde Camilleri bil-kelma t-tajba.

X'ħin kellmuh, dan Wayde Camilleri qalilhom li kienu huma li għamluh il-ħajt ġol mina. Reġa bagħat lill-uliedu din id-darba sabiex ikellmu lil Toni Agius. Beda jirrabja u ikkonferma li l-ħajt kienu għamluh huma. Qalilhom li kien ikun ħażin għalihom jekk il-ħajt immessuh. Dwar dan sar rapport mal-pulizija. Ikompli jixhed u jgħid li

kien bagħat ittra b'avukat lill-konvenut. Ftit wara reġgħu marru l-għalqa biex jaraw jekk il-ħajt kienx tneħħa. Iċċekkjaw il-ġiebja u sabu li kien nieżel ftit ilma. Frankie daħal il-mina, u sab illi l-ħajt inbiddel billi inbena pulit, tbaxxa ftit, u sarlu pajp fil-għoli biex taparsi l-ilma jgħaddi minnu. L-ebda ilma ma kien qiegħed jgħaddi minn dan il-pajp għaliex dan il-pajp kien fil-għoli. Il-ftit ilma li kien nieżel kien għaddej minn bejn il-ġebel u ħafna mill-ilma kien qiegħed jintilef.

Illi xehed bl-affidavit **Frankie Buttigieg**, li essenzjalment irrepeta dak li xehed missieru fl-affidavit tiegħu. Illi **Ronnie Buttigieg** ikkonferma l-affidavit ta' missieru, sa fejn kien involut huwa.

Illi xehed b'affidavit **Mario Buttigieg,** li ikkonferma l-affidavit ta' missieru u zied li huwa ilu jiffrekwenta dawk l-inħawi snin twal u dejjem kellhom l-ilma nieżel ġol ġiebja.

Xehed b'affidavit **Joseph Portelli** li jiftakar illi huwa kien qiegħed fil-garage ta' Wayde Camilleri meta mar Frankie Buttigieg u Wayde kien ikkonferma li kienu huma li għalqu l-ilma.

Illi xehdet viva voce quddiem l-Assistent Ġudizzjarju **Katrina Portelli**. Tgħid illi huma għandhom għalqa ta' ċirka erba' sigħan li hija tagħha. Tgħid li hija ilha tmur hemmhekk minn mindu kienet għadha tfal. Titkellem dwar il-mina u tgħid li dik għamlitha Maria Buttigieg, tgħid li hija tismagħhom jgħidu li inbdiet minn naħa tal-Kunċizzjoni. Tgħid li meta tasal fl-għalqa tagħhom, din hija fonda, allura l-ħajt huwa għoli, u dan il-ħajt għandu bokka, li minnha jgħaddi l-ilma għal ġol għalqa ta' isfel. L-għalqa ta' isfel imbagħad għandha gandott, bil-ġebel

tas-sejjieħ, biex l-ilma jibqa għaddej, u jibqa għaddej ‘l isfel u jaqa fl-għajn. L-ilma jinġabar minn ġo l-għajn. Tgħid li l-għajn illum hija tal Frenċu Buttigieg, li xtraha mingħand Toni Agius. Tgħid li Toni Agius ħa għalqa fuq u ta’ isfel, u Frenċu Buttigieg ħa mill-mini u r-raba ta’ maġenbha.

Spjegat li l-bokka hija bħal toqba ġo ħajt sabiex minnha jgħaddi l-ilma. L-ilma jiġi minn fuq u jibqa niezel ‘l isfel. Kontro ezaminata tgħid li hija ilha mal-10 snin ma tmur l-għalqa. Tispjega li n-naħa ta’ fuq tal-għalqa tmiss ma’ ta Agius. Tikkonferma li mina saret minn Maria Buttigieg– u mhux bir, u li din kienet ser taqdi lilha biss, ġo l-għalqa ta’ Anġlu Buttigieg. Anglu Buttigieg ta r-raba lil Maria Buttigieg sabiex tagħmel il-mina biss u ir-raba l-ieħor dan zammu għalih. Mistoqsija jekk l-għajn u mogħdija tal-ilma jissemmewx fil-kuntratt tgħid li ma jissemmewx. Riezaminata, tgħid li lill-attur kienet tarah jagħzaq. Ġol mina qatt ma daħlet. Tgħid li kienet ma ħuha meta bena l-mina meta waqa l-ħajt.

Xehdet **Josephine Buttigieg** permezz tal-affidavit, illi meta kienet zgħira kienet tmur fl-għalqa u tiftakar sewwa li dejjem kien jiġi l-ilma ġol ġiebja/mina/għajn li hemm f’dik l-għalqa.

Xehdet **Michelina Cefai** permezz tal-affidavit fl-istess sens.

Xehdet **Angela Attard** permezz tal-affidavit ukoll fl-istess sens.

L-istess jgħidu **John Attard** u **Paul Buttigieg** li xehdu permezz tal-affidavit.

Anke **Ivan Abela** li xehed permezz tal-affidavit jikkonferma dan.

Illi xehed l-**attur in kontro ezami**. Jgħid li huwa ilu jiffrekwenta l-għelieqi magħrufa bħala Tal Ħalq minn mindu kien zgħir. L-għalqa tal-Ħalq ta' fuq nett hija tal-konvneut. Ir-raba tan-nofs tapparjteni lill-atturi. Imbagħad il-konvenut jerġa għandu l-biċċa l-oħra ta' isfel nett. Jgħid li missieru xtara tan-nofs u l-konvenut xtara t-tnejn l-oħra. Mistoqsi jekk il-mina tissemmiex fil-kuntratt li akkwista bih missieru, l-attur jgħid li iva, għaliex missieru kien xtara kollox. Jispjega li hemm il-ġiebja u l-kanali ġol għalqa tagħhom. L-ilma jasal ġol għalqa tagħhom. Il-mina tibda mill-għalqa ta' Toni, 'l fuq mhux ħazin mill-għalqa ta' l-atturi.

Jixhed li fl-għalqa tal-konvenut hemm it-toqba tan-nifs biex jieħdu l-arja x'ħin jidħlu ġol mina, u l-konvenut hemmhekk għalaq ix-xogħol. Jgħid li hemm xi sidien oħra tal-egħlieqi l-oħra, pero jispjega li skond hu, hu biss għandu d-dritt li jieħu minn din il-mina, għaliex qiegħda ġo l-għalqa tagħhom. Snin kbar ilu jgħid li kienu irranġaw il-ġiebja. Il-mina qatt ma għamlulha manutenzjoni, għaliex il-mina hemm il-kanali u l-ilma jibqa' niezel għal isfel għal ġol ġiebja. Jispjega li l-ġiebja qiegħda fl-għalqa tagħhom. Jixhed li fis-27 ta' Lulju 2015 marru biex isaqqu, ittawwlu, u sabu l-ħajt li qatt ma kien hemm qabel. Jgħid li sikwit kienu jidħlu ġol mina minn naħa tagħhom. Kien ilu ma jidħol fil-mina xi tliet snin, qabel ma reġa daħal meta nduna li kien waqaf l-ilma. Fejn tibda l-mina, l-għalqa mhux tiegħu, imma tibqa niezla għal ġor raba tagħhom. Jispjega li meta kellmu lil Wayde, dan ikkonfermalu

li kienu huma li għalqu, u jekk iridu jħarrku. Jisħaq li ħitan fil-mina ma kienx hemm minn dejjem.

Illi xehed **Mario Buttigieg** in kontro ezami, li ħa r-ritratti, l-ewwel darba li sar il-ħajt. Huwa ma rax lill-konvenuti jagħmlu l-ħajt, pero qallu ħuħ li kien sar il-ħajt. Jixhed li l-ħajt sar f'Awwissu. Jgħid li l-ilma kien ġej u li ma kellhomx bzonn jidħlu ġewwa l-mina. Rigward xogħol ta' manutenzjoni li għamlu jgħid li kien jikkonsisti fit-tikħil tal-ġwiebi. Jgħid li fil-mina qatt ma għamlu xogħol. Jgħid li ilu jmur ġol għalqa minn mindu kellu ħames snin. Jgħid illi l-komunikazzjoni bejn il-mina u l-ġiebja ma jafx min għamilha, għaliex din kienet hemm. Persuni jagħmlu ix-xogħolijiet huwa ma rax.

Ili xehed **Ronnie Buttigieg** in kontro ezami, l-entratura tal-mina qiegħda fl-għalqa tagħhom. Spjega li l-għalqa qiegħda fin-nofs, bejn l-egħlieqi ta' Toni. Imma in-naħa ta' fuq hemm ir-raba ta' nies oħra. Jispjega li fejn iċ-ċimiterju tal-Qala hemm it-toqba tan-nifs għall-arja. Jgħid li l-mina tibda minn ġo l-għalqa tagħhom, u ma jafx fejn tispiċċa. Jispjega li hemm bokka qadima u antika fl-għalqa tagħhom. Jgħid li l-ħajt qiegħed taħt ta' Toni. Jgħid li daħal fil-mina f'Ġunju u reġa daħal f'Awwissu. Qabel Ġunju kien daħal fil-mina sentejn qabel. Meta daħal ma kien hemm ebda ħitan, u l-ilma kien għaddej. Xehed li ma rax lill-konvenuti jagħmlu xi ħaġa rigward bini ta' xi ħajt. Wayde qalilhom li huma għamlu l-ħajt u jekk iridu jistgħu jħarrku.

Illi xehed **il-konvenut Anthony Agius,** permezz tal-affidavit, illi huwa akkwista ir-raba magħrufa bħala ta' Roba permezz ta' kuntratt ta' xiri datat 22 ta' Marzu 1986. Illi permezz ta' dan il-kuntratt huwa xtara diversi apprezzamenti ta' raba fosthom l-għalqa imsejjħa tar-Roba jew

tal-Ħalq, kontrada tal-Ħalq, limiti tal-Qala Għawdex tal-kejl ta' erba' mija u ħamsa u sebgħin metri kwadri, tmiss mil-Lvant ma' ġid ta' Anna Cutajar, tramuntana ta' beni tal-werrieta ta' Toni Portelli u punent ma' beni ta' Paola Camilleri. Jispjega li lill-attur kien biegħlu xi biċċiet tar-raba permezz tal-kuntratt datat 13 ta' Ġunju 1986. Jgħid li f'dan il-kuntratt ma ssemma imkien li huwa kien qiegħed jikkonċedi xi drittijiet tal-ilma favur l-ebda l-attur. Jispjega ukoll illi l-għalqa li Buttigieg qiegħed jilmenta minnha f'din il-kawza li ġiet affettwata mil-ilma li ġej mil-mina hija ferm il-bogħod mil-għalqa tiegħu fejn hemm l-ilma. Jgħid li fl-antik kien hemm mogħdija tal-ilma minn din il-mina versu raba ieħor però dan qatt ma kien jasal sal-proprjeta tal-attur li qiegħda ħafna aktar 'l isfel.

Ikompli jispjega li l-attur qatt ma ippretenda l-ebda drittijiet fuq din il-mina ħlief darba fl-2009 meta l-konvenut induna li mess il-mina u li l-ilma naqaslu u mar ikellimtu u avvertieh biex jerġa jagħmel kollox kif kien. Fil-fatt jgħid li l-attur hekk għamel. F'dak l-istess żmien l-attur mar japplika biex jirreġistra il-mina, il-ġiebja u l-għajn fuq ismu u ir-Reġistratur tal-Artijiet kien irrifjuta l-applikazzjoni, għaliex qal li fuq il-kuntratt dawn ma kenux imsemmija. Barra minn dan, il-konvenut ikompli jgħid li hemm imsemmi li hemm gandott tal-ilma għaddej minn fuq il-proprjeta reġistrata ta' terzi. Jaċċerta illi din il-mina dejjem kienet fil-pussess tiegħu. Għandha ħażna ta' tliet piedi ilma. Jispjega ukoll li l-manutenzjoni tal-mina dejjem kienet responsabbilita tiegħu. Jgħid ukoll li din ir-raba jaħdmuha huwa u ir-raġel tat-tifla tiegħu. Jużawha is-sena kollha u jmorru mat-tliet darbiet fil-ġimgħa fiha. F'Mejju ir-raġel tat-tifla ilmenta li l-ilma kien qata għal kollox f'daqqa. Kien niżel fiha biex jara x'ġara, u ra li l-ħazna kienet tkissret. Il-blata xi ħadd kien kisser minnha, u konsegwenza ta' hekk l-ilma tbaxxa. Ir-raġel tat-tifla tal-konvenut ġab it-tafal biex jirrepara l-ħsara li xi ħadd

kien għamel biex b'hekk il-ħazna ġiet kważi lura għan-normal. Sussegwentement l-attur mar ikellmu u qallu biex jgħidlu min għamel il-ħajt.

Il-konvenut spjegalu li huma irranġaw il-ħsara li saret fi ħwejjiġhom. B'hekk induna li kien l-attur li mess l-ilqugħ tal-ħazna.

Illi xehed permezz tal-affidavit **Wayde Camilleri**. Jgħid illi huwa ilu għal dawn l-aħħar seba' (7) snin jaħdem l-għalqa magħrufa bħala Ta' Robu. Kien jagħtiha sagħtejn ilma kull darba u l-ilma qatt ma qata. Is-sors tal-ilma ta' din l-għalqa hija proprju l-ispiera li minna għaddejja mina. Din l-ispiera tinsab fil-proprjeta ta' ħatnu Toni Agius, u il-mina ġejja minn naħa taċ-Ċimiterju tal-Qala u tasal għall għalqa li tinsab eżatt ma' tagħhom. Jispjega li però l-għalqa ta' maġenbhom fejn tispiċċa l-mina ma għandhiex dritt tieħu minnha. Anzi jgħid li ħadd ma għandu dritt jieħu mill-ħazna għaliex ma tinfed għal imkien.

Jgħid li min jaħdem l-għalqa t'isfel minnhom – Ivan Abela – iġib l-ilma minn banda oħra. Jispjega illi f'Mejju 2015 huwa mar jisqi bħas-soltu u wara għaxar minuti l-ilma fejn qatt ma jieqaf, waqaf. L-għada niżel jara għalfejn l-ilma waqaf. Mexa għal fejn tispiċċa l-mina u sab li xi ħadd baxxa l-ilqugħ tal-mina. Toni – il-konvenut – issuspetta fl-attur.

Toni qal lix-xhud li f-2009 Frencu kien għamel l-istess ħsara fil-mina bil-konsegwenza li naqset il-ħazna tal-ilma. Dak iz-zmien Toni kien mar ikellem lil Frencu u dan kien reġa għamel kollox kif kien. Fl-istess perjodu Frencu mar fir-Reġistru tal-Artijiet fil-25 ta' Settembru 2009 u

applika biex jirreġistra gandott tal-ilma, ġiebja u mina fuq ismu bl-applikazzjoni numru LRA 978/09.

Jghid li r-Reġistratur tal-Artijiet ma aċċettax it-talba tiegħu għaliex qal li mill-kuntratti ta' akkwist tiegħu ma kien jidher xejn. Barra minn dan ir-Reġistratur qal li l-gandott tal-ilma jgħaddi minn fuq proprjetà irreġistrata lil terzi u fl-ebda applikazzjoni ma hemm imsemmi li l-gandott għaddej minn fuq il-proprjeta tagħhom. Kien eskluda ukoll il-possibilita li Buttigieg seta akkwista bil-preskrizzjoni.

Ikompli jixhed u jgħid li għalkemm fuq il-pjanta hemm imniżżel gandott, jekk wieħed imur fuq il-post fl-egħlieqi ma hemm l-ebda gandott u ma jagħmilx sens li gandott jaqsam minn ġo nofs l-egħlieqi ta' terzi persuni. Ix-xhud ikompli jispjega li mir-riċerki li saru mad-Dipartiment tal-Artijiet, jidher li kienet saret applikazzjoni oħra fl-1995 bin-numru 498/95. F'din l-applikazzjoni, ir-Reġistratur tal-Artijiet irrimarka hekk *skont il-kuntratt l-applikanti akkwistaw 5 porzjonijiet art u irjieħat indikati fil-kuntratt jindikaw illi dawn il-porzjonijiet art huma disġunti u mhux art waħda kif indikat fuq il-pjanta.* Għalhekk l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata bil-gandott u bil-ġiebja. Kellha tiġi ikkorreġuta permezz ta' LRA 978/09 fejn l-attur għal darba oħra ipprova jdaħħal il-gandott fil-ġiebja permezz ta' affidavit però dan ma ġiex aċċettat.

Ikompli jgħid li l-attur qatt ma kellu pussess tal-ilma. Jixhed illi l-attur kien għamel ħafna xogħol u spejjez biex jgħaddi pajp tal-50mm minn taħt l-art b'tul ta' madwar nofs kilometru mix-xaqliba l-oħra tal-muntanja li jisimha l-għolja tan-Nigret, fejn għandu għalqa b'mitħna tar-rih li ttella l-ilma minn ġo spiera. Dan ix-xogħol sar ftit ġimgħat

wara l-kuntratt tat-13 ta' Ġunju 1986 jidher ċar li kieku l-attur kellu xi dritt għal ilma ma kienx ser jidħol f'din l-ispiza. Ikompli jixhed illi fil-kuntratt ta' xiri tat-13 ta' Ġunju 1986 il-mina ma tissemmiex mal-proprjeta tal-atturi. Ifisser illi meta f' Mejju sab li kien tneħħa l-ilqugħ ta' barra tal-ħazna u ċioe fit-tarf fejn tispiċċa l-mina, fil-21 ta' Mejju 2015 ġab it-tafal irrepara il-ħsara li saret fit-tarf fejn tispiċċa l-mina, zamm il-livell oriġinali tal-ilma fil-mina. Bilfors kellu jagħmel dan ix-xogħol għaliex huwa kien sprovist mill-provista tal-ilma. L-ilma kien qiegħed jintilef għax ma kellux ilqugħ x'izommu.

Jispjega li r-riparazzjoni għamilha fl-għalqa ta' ħatnu u ma daħal f'ebda propjetà ta' ħadd. Għal xahrejn sħaħ ħadd ma kellmu. Jgħid ukoll li f'dan iz-zmien zgur li Buttigieg ma kienx jieħu ilma mill-ħazna għaliex kieku ix-xhud kien jinduna. Ikompli jispjega li l-livell oriġinali tal-ħazna tal-ilma tal-ispiera / mina meta irreġistrawha fid-29 ta' Awwissu 1997 kellha fond totali ta' 18-il pied u l-fond tal-livell tal-ilma kien ta' 15-il pied. Ifisser li f'Awwissu Ronnie Buttigieg u ħuħ marru il-garraxx tax-xhud, u staqsewh jekk messx il-mina. Dan ikkonfermalu il-ħsieb li f'Mejju kien għamlu dik il-ħsara.

Illi xehed permezz tal-affidavit **Michael Xerri,** li huwa familjari mar-raba tal-partijiet għaliex ilu jgħix hemmhekk għomru kollu. Huwa għandu r-raba maġenb dik tal-partijiet, u skond huwa hemm distanza sewwa bejn dawn l-egħlieqi. Jgħid li jaf li huwa ma għandu l-ebda dritt għal mina. Finalment jgħid li jaf li l-attur għandu pajp għaddej għal ġor raba tiegħu minn tan-Nigret u din is-sistema ta' pajpijiet introduċihom wara li akkwista ir-raba tiegħu. Jaf li l-konvenut kellu is-sors tal-ilma li kienet il-mina li tinsab fl-inħawi tal-Kunċizzjoni. Ma jaf lil ħadd li jieħu minn din il-mina.

Illi xehed permezz tal-affidavit **Pawlu Xerri,** li għandu r-raba fl-inħawi tar-raba tal-partijiet. Jaf li parti mir-raba li għandu l-konvenut tmiss maċ-ċimiterju tal-Qala. Jaf ukoll li fil-proprjeta ta' Toni hemm spiera u Toni minn dejjem mieħu minn dan l-ilma. Il-fehma tiegħu hija li l-ispiera hija ta' Toni biss. Ifisser li meta kien jinżel fl-ispiera l-ilma ma kienx jidher li jwassal imkien ħlief għar-raba ta' Toni. Rigward l-attur jgħid li jaf li dan issaqqi b'pajp tal-50mm.

Illi xehed permezz tal-affidavit **Jean Luke Azzopardi**, li f'Mejju 2015 talbu tajn sabiex jirranġa ħajt f'xi spiera fl-għalqa ta' ħatnu.

Illi xehed l-**Avukat Dr Marlin Vella,** Assistent Reġistratur tal-Artijiet f'Għawdex. Xehed illi z-zewġ artijiet huma irreġistrati waħda f'isem l-attur u l-oħra fuq il-konvenut. Oriġinarjament saret applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, sussegwentement daħlet applikazzjoni. Għab-bazi tal-kuntratt li tiegħu saret l-applikazzjoni ma kienx jirrizulta li l-atturi akkwistaw ġiebja u kandott tal-ilma. Ix-xhud jgħid li ma jirriżultax illi ġie irreġistrat is-sors tal-ilma.

Illi xehed **Anthony Rizzo**, Kap Ezekuttiv ta' Malta Resources Authority, li ippreżenta pjanta li turi s-sorsi tal-ilma tal-partijiet. Bl-isfar huma tal-konvenut, bl-aħdar huma tal-attur.

Illi xehdet **Katerina Portelli**, li għandha għalqa li tmiss ma' tal-konvenut minn naħa ta' fuq. Skont hi il-mina hija tal-attur, għaddejja minn taħt ir-raba taħtha.

Illi xehed l-**attur** in kontro eżami. Jispjega li huwa akkwista ir-raba magħruf bħala tal-Ħalq jew tal-Maġra, xtara ukoll xi raba mal-konvenut. Jgħid li Toni għandu l-bir, filwaqt li huwa għandu l-mina. Jgħid illi huwa kellu l-pussess tal-ilma u kien ilu jieħdu sebgħin sena. Jispjega li Toni għamel ħajt u qata' l-ilma. Jgħid li fis-27 ta' Lulju niżlu jsaqqu, imma sabu ħajt u ma sabux ilma.

Xehed il-**konvenut** in kontro eżami. Ikkonferma li l-ilma ġej minn fuq, min naħa taċ-Ċimiterju. Jgħid li fl-antik l-ilma kien jibqa nieżel, però kienu kisru kollox u l-ilma ma baqax nieżel 'l isfel. Jgħid ukoll li l-ilma iz-zejjed jibqa nieżel għand ta' Ivan Abela. Jixhed li l-ispiera ilha hemmhekk mill-antik u mhux bokka tan-nifs. Jgħid li ġol għalqa tiegħu hemm il-bokka tal-ispiera. Jgħid li ma kienx hemm ħajt izda kien hemm ħawt kbir li kien izomm mat-tliet pied ilma. Meta l-ilma jogħla minn tliet piedi kien jibqa niezel 'l isfel. Jispjega li huma ma għamlux ħajt, izda sewwew il-ħsara li kien hemm. Jgħid li l-atturi kienu għamlu pajpijiet biex ikunu jistgħu jsaqqu u kienu jġibu l-ilma minn hemmhekk. Wara li inkisret il-molqa huma irranġawha bit-tafal, u illum qiegħed izomm xi tnejn u għoxrin pulzier. Jgħid li meta irranġaw il-mina qabel id-29 ta' Mejju.

Xehed **Wayne Francis Camilleri** in kontro ezami. Il-mina tispiċċa taħt l-għalqa ta' Ivan. Jikkonferma li l-kanali jibqgħu nezlin 'l isfel ġor raba ta' isfel. Jgħid li l-attur ipprova jirreġsitra ir-raba tiegħu darbtejn imma ma irnexxielux. Jgħid li l-gandotti għaddejjin minn ġo terzi persuni. Jgħid li mill-ġiebja 'l isfel ma hemmx kanali. Jixhed li ma hemmx kanali mill-ġiebja li jwasslu fil-proprjeta tal-attur. Jgħid li xi ħadd neħħa mill-ilqugħ u meta marru biex jisqu, qata' l-ilma. Huwa irrepara il-ħsara li saritlu. Jgħid li sewwa bit-tfafal u għolla l-ilqugħ ħalli jkun hemm il-ħazna.

**Ikkunsidrat**

Jibda sabiex jiġi osservat illi din hija kawza ta' spoll privileġġjat.

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll privileggat jirrizultaw mill-**Artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili** li jaqra kif isegwi:

"*Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, imnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqeghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl- Artikolu tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili.*"

Is-**sub-artikolu 535 (2)** jkompli jghid:

'*Dan it-tqeghid mill-gdid fil-pussess jigi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-haga li taghha l-attur ikun bata spoll.*'

Il-prinċipji li jirregolaw l-*actio spolii* ġew elenkati mill-Qorti Ċivili - Prim' Awla – f'sentenza tal-1 ta' April, 2003, fl-ismijiet **Francis U Marianna Konjuġi Tonna Vs Constantino Borġ** illi irreteniet hekk:-

*Illi, għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ ta' llum, huwa stabilit li* ***l-azzjoni ta' spoll*** *hija msejsa fuq l-ordni pubbliku u hija maħsuba bħala azzjoni mħaffa u effikaċi biex ma tħalli 'l ħadd li jieħu l-liġi b'idejh u jxekkel stat ta' fatt, u biex, jekk dan isir, min ikun għamel dan l-att jerġa' jqiegħed kollox minnufih kif kien, qabel kull indaġni oħra (spoliatus ante omnia restituendus).*

*Illi f'din l-azzjoni huwa meħtieġ jiġu ippruvati tliet elementi, u jiġifieri*

*(a) il-pussess;*

*(b) it-teħid tiegħu b'għamil tal-imħarrek u*

*(ċ) li l-azzjoni nbdiet fi żmien xahrejn minn meta jsir l-att ta' spoll;*

*Illi biex isseħħ l-azzjoni tal-ispoll huwa meħtieġ ukoll li t-tliet elementi msemmija hawn ikunu kollha pruvati li jeżistu, b'mod illi jekk jinstab, per eżempju, li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni fiż-żmien ta' xahrejn, l-azzjoni taqa' minħabba n-nuqqas ta' wieħed mill-elementi meħtieġa mingħajr ma jkun hemm bżonn li wieħed jistħarreġ jekk jikkonkorrux l-elementi l-oħrajn tal-pussess u tal-għamil li bih il-pussess ikun ittieħed jew ġie mxellef;*

*Illi dwar l-**ewwel element**, huwa meħtieġ li jintwera li, filwaqt li sar l-għamil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt. Il-liġi tħares kemm il-pussess ta' liema xorta jkun, u kif ukoll iż-żamma sempliċi. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-deher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir, u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess u dak tal-ispoll. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv, billi huwa possibbli li jseħħ spoll minn ġid li l-persuna spoljata kienet iżżomm u tgawdi flimkien ma' ħaddieħor. Huwa possibbli li l-ispoll jimmaterjalizza wkoll meta jkun hemm ċaħda parzjali ta' pussess. Illi l-Qorti trid issemmi li, għalkemm fil-każ tal-azzjoni ta' żamma fil-pussess fil-każ ta' molestja l-liġi teskludi fost l-oħrajn il-"pussess b'titolu prekarju", fil-każ tal-azzjoni ta' spoll taħt l-artikolu 535 din id-distinzjoni ma ssirx. Kemm hu hekk, dan l-aħħar artikolu jħares kemm il-pussess "ta' liema xorta jkun" u kif ukoll id-detenzjoni, li tingħaraf mill-oħra billi min ikollu ż-żamma ta' ħaġa ma jkunx qiegħed iżommha 'animo domini', bħalma jiġri fil-każ tal-pussess; Illi għalkemm il-liġi*

*ma ssemmi xejn espressament dwar xi distinzjoni fl-għamla tal-pussess meħtieġ, matul iż-żmien tnisslet linja ta' deċiżjonijiet li neħħew mill-ambitu tal-ħarsien tal-azzjoni tal-ispoll dik l-għamla ta' pussess li tkun taħt żamma imsejħa b'tolleranza. Skond dawn id-deċiżjonijiet, hija biss dwar għamla ta' żamma bħal din li l-azzjoni tal-ispoll ma tagħtix il-protezzjoni tagħha; Illi hu għalhekk meħtieġ li jitqies x'ġie mifhum mill-Qrati tagħna b'dan l-għamla ta' "pussess prekarju jew taħt tolleranza" għall-finijiet tal-azzjoni ta' spoll. Filwaqt li kull għamla ta' pussess fattwali, imqar jekk b'mala fede, jitqies tajjeb biex iħares il-jedd tal-ispoljat, ukoll jekk mingħajr titolu jew nieqes għal kollox minn kawża ġuridika, irid jintwera li kien hemm xi forma ta' pussess, lil hinn minn atti ta' tolleranza. Dawn l-atti jitfissru mill-awturi bħala "...atti nei rapporti di buonvicinato in grazia dei quali si permetta o si tollera che altri faccia sulla cosa che ci appartiene cio' che non avrebbe diritto alcuno di farvi..."*

*Ħaddieħor jgħallem li "colui che gode per tolleranza non ha nessun titolo, salvo un consenso del proprietario che questi puo' ritirare da un istante all'altro ... (percio') si e' tutti concordi che non spetti azione di sorta, perche' non puo' parlarsi di un possesso qualsiasi...Illi tolleranza bħal din, f'azzjoni possessorja, trid tiġi murija mqar mad-daqqa t'għajn (prima facie) u dan fid-dawl tan-natura sommarja u "privileġġata" tal-azzjoni ta' spoll.*

*Lanqas ma huwa permess li t-tolleranza tkun preżunta. Il-prova trid issir minn min jallega ż-żamma b'tolleranza. Jekk ma tintweriex imqar prima facie, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' azzjoni minħabba nuqqas ta' pussess titqies mhux mistħoqqa; Illi kien hemm każijiet fejn il-Qorti iddistingwiet bejn tolleranza li ġejja mingħand min ikun bata l-azzjoni, u tolleranza li ġejja minn ħaddieħor: f'tal-ewwel, l-azzjoni possessorja*

*ma tistax tkun ta' għajnuna lil min ikun wettaq l-atti b'tolleranza, filwaqt li f'tat-tieni, l-azzjoni ma tistax ma tgħinux biex jieħu lura ż-żamma tal-ħaġa li mit-tgawdija tagħha ġie mneħħi; Illi dan kollu jrid jitwettaq mingħajr ma l-ġudizzju jitlef is-sura ewlenija tiegħu li terġa' tqiegħed lill-persuna mneżżgħa mill-pussess ta' ħaġa minnufih fl-istat li kienet fih qabel sarilha l-għamil Dan qiegħed jingħad minħabba li f'azzjoni ta' pussess privileġġjat bħalma hija l-Azzjoni tal-Ispoll, il-kwestjoni tat-tolleranza tal-pussess m'għandhiex normalment tiġi meqjusa;*

*Illi, din il-kwestjoni tal-allegazzjoni tat-tolleranza jidher li f'dawn l-aħħar snin sabet atteġġament aktarx iebes mill-Qrati tagħna, b'mod partikolari wara li ġie deċiż li l-azzjoni ta' spoll fis-sistema ġuridiku Malti għandha tkun waħda ta' "indaġini limitatissima, rigoruża u skarna li ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra...". Dan wassal lill-Qrati tagħna biex, f'dawn l-aħħar snin ukoll, iqisu s-sottomissjoni tal-imħarrek li jallega t-tolleranza bħala waħda "ġuridikament inaċċettabbli" f'kawża ta' spoll, għaliex din tkun qegħda tiġbed 'il-proċess għal eżami tan-natura tal-pussess fattwali li l-attur ikun wera li kellu fuq il-ħaġa, mentri eżami bħal dak imissu jitħalla għal ġudizzju;*

*Illi, dwar* ***it-__tieni element__,*** *huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess; Illi, ġie mfisser ukoll li l-kliem "vis aut clam" li jirradikaw dan l-element tal-*

*azzjoni, mhux ta' bilfors jissarraf f'għamil ta' tkissir jew qerda ta' oġġett miżmum mill-attur jew li fih huwa jġarrab xi ħsara fiżika, għaliex huwa biżżejjed li l-għamil spoljattiv isir kontra r-rieda tiegħu jew mingħajr ma jitħalla jintebah bih;*

*Illi dwar it-**tielet element**, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur. Iżda meta l-kwestjoni taż-żmien tittella' mill-imħarrek bis-saħħa ta' eċċezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileġġat saret barra minn żmienha taqa' fuq l-istess imħarrek, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi dwar il-kwestjoni taż-żmien li fiha jmissha ssir il-kawża għandu jingħad li tinqala' l-problema dwar minn meta għandu jibda jintgħadd it-terminu ta' xahrejn li tiffissa l-liġi. Dan jinħoloq b'mod partikolari meta l-għamil spoljattiv ikun sar minn wara dahar il-persuna li kellha l-pussess. Kien hemm każijiet fejn il-qrati għamlu distinzjoni bejn meta l-għamil ta' spoll ikun wieħed li sar darba u fejn l-għamil ikun att li jippersisti, u għalhekk inħoloq il-ħsieb li l-azzjoni tibda jew minn meta l-persuna li tteħdilha l-pussess intebhet bl-ispoll jew meta l-att persistenti ntemm. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, qari xieraq taż-żewġ artikoli tal-liġi li jitkellmu dwar l-azzjoni privileġġata tal-ispoll (l-artikolu 791 tal-Kap 12 u l-artikolu 535 tal-Kap 16) ma jħallux għażla għal dik li għandha tkun it-tifsira xierqa li jmissha tingħata dwar minn meta għandu jintgħadd iż-żmien ta' xahrejn: dan għandu jibda jitqies minn dak inhar tal-ispoll;".*

**Ikkunsidrat:**

Abbraccjata din l-gurisprudenza, l-Qorti se tghaddi sabiex tapplika dawn l-insenjamenti ghall-kaz in ezami.

**L-Ewwel Element:**

Illi, fil-kawża odjerna, din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-atturi tassew kellhom il-**<u>pussess tutelabbli</u>**, u li għalhekk jidher radikat l-ewwel element tal-azzjoni tagħhom. Dan il-pussess jirrizulta lil din il-Qorti mis-segwenti:

1. Kopja tal-ittra uffiċjali mibgħuta mill-konvenuti datata 19 ta' Awwissu 2015[1], fejn il-konvenuti jgħidu lill-atturi dan *għall-kuntrarju kontu intom jew min minnkom li għammiltu xogħolijiet fil-mina li permezz tagħhom biddiltu il-kors tal-ilma biex b'hekk issa l-ilma li għaddej minn taħt <u>qed tohduh kollu intom fl-għalqa tagħhkom</u> u ħaddieħor li l-art tiegħu tiġi qabel mal-kors tal-ilma fil-mina jilħaq tagħkom spiċċa mingħajr ilma.*

2. Fl-affidavit tiegħu[2] l-attur Francis Buttigieg xehed hekk *niftakar ukoll l-ilma niezel għal ġol ġiebja u lil missieri jiftaħ il-bokka u l-ilma joħroġ għal ġol kanali. Ilma dejjem kien ġej u ma jieqaf qatt……*imbagħad fir-raba paragrafu jikompli jgħid hekk *lili kien messni r-raba tan-nofs bl-għajn u l-mina magħha filwaqt li Toni kien messu dik il-parti tan-naħħa ta' fuq li tmiss ma' passaġġ u messitu oħra n-naħa ta' isfell nett li ukoll tmiss ma' passaġġ.*

[1] Folio 7
[2] Folio 29

3. Katerina Portelli xehdet[3] *Dan Toni Agius ħa għalqa fuq u isfel u dan Frencu, Frencu ħa mill-mina u r-raba ta maġenbha, l-għajn, ħa l-għajn u r-raba li hemm magħha.*

4. Michelina Cefai xehdet bl-affidavit[4] *Illi meta kont tifla zgħira kont immur l-egħlieqi magħrufa bħala Tal-Ħalq fil-limiti tal-Qala, Għawdex, ma missieri.*

5. Angelina Attard xehdet bl-affidavit[5] *għal dawn l-aħħar ħamsin sena…f'dan iz-zmien kollu dejjem niftakar l-ilma niezel għal ġol ġiebja/mina li hemm fl-għalqa… u ċioe l-għalqa li jaħdmu Francis Buttigieg…*L-istess xehed bl-affidavit John Attard[6].

6. Finalment Ivan Abela xehed bl-affidavit[7] *niftakar sewwa illi dejjem kien jiġi l-ilma ġol ġiebja/mina li hemm fl-għalqa tal-familja Buttigieg.*

Għaldaqstant, minn dan kollu jirrizulta lil din il-Qorti ben ċar illi l-atturi kellhom il-pussess tal-perkors naturali tal-ilma.

**It-Tieni Element:**

[3] Folio 45
[4] Folio 59
[5] Folio 60
[6] Folio 61
[7] Folio 76

Stabbilit l-ewwel element, din il-Qorti ser tgħaddi biex tanalizza jekk jissusstix it-tieni element tal-actio spolii u ċioe it-teħid tal-pussess b'egħmil tal-konvenuti.

Illi f'dan il-każ, intwera li l-għamil li minnu jilmentaw l-atturi seħħ. Dan jirrizulta mis-segwenti:

1. Ix-xhieda ta' Joseph Portelli[8] li jgħid hekk *jiena kont qiegħed fil-garaxx ta' Wayde Camilleri kont qiegħed bilqiegħda fil-garaxx. Niftakar li ġie Frankie Buttigieg fuq in-naħa ta' barra tal-garaxx u Frankie kien saqsieh xi ħaġa fuq li xi ħadd kien għalaqlu l-ilma u niftakar lil dan Wayde ikellmu u jikkonferma li huma kienu għalquh.*

2. Ix-xhieda tal-konvenut stess[9] fejn jgħid hekk *F'Mejju kien ġie ir-raġel tat-tifla jilmenta li l-ilma qata' għal kollox f'daqqa minn jumejn qabel u ried ikun jaf kif ser jirranġah. Jiena kont għidtlu biex jinzel fiha biex jara x'ġara għaliex fi tmienja u għoxrin sena kien għadu ma qata qatt. Sa fejn naf jiena nizel l-għada u qalli li kif seta jara li l-ħazna kienet tkissret. Il-blata xi ħadd kien kisser minnha, mill-qlugħ tagħha u konsegwenza ta' hekk l-ilma tbaxxa b'tali mod li ġiet qisa' mogħdija mhux ħazna. Naturalment ridna nswewwu l-ħsara u mal-ewwel ġab it-tafal biex irreparajna l-ħsara li xi ħadd kien għamel biex b'hekk il-ħazna ġiet kwazi għan-normal u komplejna nisqu l-wiċċ li kellna. Ngħid illi huwa jgħid illi ma ġietx għan normal għaliex minflok tliet piedi qed izomm zewġ piedi*

[8] Folio 35
[9] Folio 131

*ilma. Dan ix-xogħol sar fid-29 ta' Mejju 2015 għaliex jiena kont mort mar-raġel tat-tifla biex nirranġaw il-ħsara li kien hemm.*

3. Ix-xhieda ta' Wayde Camilleri[10], paragrafu 11 tal-affidavit tiegħu jgħid *Għalhekk kif kont qed nispjega meta f'Mejju sibt li sibt u ċioe li min kien, neħħa mill-ilqugħ ta' barra tal-ħazna u ċioe fit-tarf fejn tispiċċa l-mina, jiena fil-21 ta' Mejju tal-2015, ġibt it-tafal mingħand Jean Luke Azzopardi u fid-29 ta' Mejju 2015 irreparajt il-ħsara li saret fil-mina, fejn zammejt il-livell oriġinali tal-ilma fil-mina.*

Minn dan kollu jirrizulta li l-konvenuti għamlu x-xogħolijiet, jirrizulta ukoll li dawn ix-xogħolijiet kienu għal kollox kontra r-rieda tal-atturi. Dan kien għamil mistur. Dan in-nuqqas ta' kunsens intwera minnufih mill-atturi malli saru jafu bix-xogħlijiet li saru kif jirrizulta mir-rapport mal-Pulizija. Jirriżulta wkoll, b'mod ċar u korroborat u xejn anqas bi stqarrija ta' Wayde Camilleri, li l-għamil twettaq minnu.

Din il-Qorti hija konvinta li l-qagħda tal-atturi dwar il-pussess tal-ilma in kwestjoni ħżienet jew marret għall-agħar bix-xogħol li sar. M'hemmx għalfejn jingħad, li element importanti taħt dan l-aspett tal-azzjoni tal-ispoll huwa li x-xogħol li jkun sar ikun fil-fatt naqqas jew ġab fix-xejn il-pussess, KIF UKOLL ILLI sar kontra r-rieda tal-attur. Jingħad minn din il-qorti illi l-atturi irnexxielhom jippruvaw dan il-fatt fi grad meħtieġ; u illi, għalhekk, dan it-tieni element ta' ċaħda minn pussess (*spoliatum fuisse*) jinsab muri kif imiss.

[10] Folio 138

**It-Tielet Element:**

Stabbiliti l-ewwel zewġ elementi, din il-Qorti ser tgħaddi finalment biex tanalizza jekk jissussistix it-tielet element.

L-atturi isostnu li l-att spoljattiv seħħ bejn l-aħħar ta' Lulju u l-bidu ta' Awwissu 2015 , u illi fis-27 ta' Lulju 2015 huma kellhom l-ilma u fl-1 ta' Awwissu huma ma kellhomx.

F'paragrafu 5 tar-rikors ġuramentat l-atturi jippremettu hekk:

4. *Illi bejn it-Tnejn, 27 ta' Lulju 2015 u is-Sibt 1 ta' Awwissu 2015, l-istess konvenuti personalment jew min minnhom jew terzi minnhom imqabbda ikkommettew spoll vjolenti u klandestin a detriment tal-istess atturi u dana billi ad insaputa tal-istess atturi u għaliex jippretendu li għandhom xi jedd, nizlu ġol mina fil-parti taħt l-għalqa tagħhom u bnew ħajt b'tali mod u manjiera li l-ilma ma għadux jibqa niezel 'l isfel fil-perkors tiegħu pero nzamm fuq b'tali mod li l-esponenti ġew imtellfa mit-tgawdija tal-ilma u dan kif jidher mir-ritratti annessi u mmarkati bħala dok E 1 sa' E 11;*

Illi da parti tagħhom il-konvenuti jeċepixxu permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħhom *illi fil-fatt din l-azzjoni ma tistax tirnexxi peress illi ma jissusstixxux l-elementi ta' spoll u ċioe il-possidesse, spoliatum fiusse u infra bimester deduxisse;*

Jinghad fil-gurisprudenza li l-piż tal-prova tal-element tal-*infra bimestre* jigi nvertit jekk il-konvenut minflok izomm sieket jallega li l-kawza tkun giet ippreżentata wara li jkunu ghaddew ix-xahrejn. Fid-

decizjoni fl-ismijiet **Julian u Doris konjugi Sultana u Stephen Sultana -vs- Eucharist Sultana** datata 7 ta' Mejju, 2008 il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri iddikjarat kif isegwi: '*Dan apparti l-fatt li l-gurisprudenza hi ukoll fis-sens li min jaghti eccezzjoni li l-azzjoni saret wara li skadew ix-xahrejn, l-oneru tal-prova hu fuq il-konvenut* (**Qorti ta' l-Appell, Norman Vassallo vs Filomena Esposito deciza fit- 8 ta' Gunju 1993 u Prim' Awla tal-Qorti Civili, Anthony Borg et vs Paul Falzon et nomine deciza fil-21 ta' Marzu 2002 u Qorti ta' l-Appell, Micro Technology Consultancy Limited vs Maria Dolores Vella et deciza fis-6 ta' April 2006**).'

L-istess kien gie dikjarat precedentement mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Philip Gatt vs. John Mary Vassallo datata 8 ta' Mejju, 2005**:

'*Illi dwar it-tielet element, il-ligi trid li l-azzjoni ghat-tnehhija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi zmien xahrejn. Dan iz-zmien huwa meqjus bhala terminu ta' dekadenza. Bhal kull wiehed iehor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jigi pruvat mill-attur. Izda meta l-kwestjoni taz-zmien tittella' mill-imharrek bis-sahha ta' eccezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileggat saret barra zmienha taqa' fuq l-istess imharrek, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*'

Għaldaqstant, il-piz tal-prova tal-element tal-*infra bimester* ġie invertit għaliex il-konvenuti jeċepixxu hekk fit-tielet eċċezzjoni tagħhom:

*3. Illi fil-fatt din l-azzjoni ma tistax tirnexxi peress illi ma jissusstixxux l-elementi ta' spoll u ċioe il-possidesse, spoliatum fiusse u infra bimester deduxisse;*

Jiġi osservat illi rigward id-data tal-att spoljattiv jirrizulta mill-atti li z-zewg partijiet ma jaqblux dwar l-element taz-zmien; anzi l-verzjonijiet tal-partijiet huma għal kollox kunfliġġenti. L-atturi jsostni li dan l-avveniment kien bejn is-27 ta' Lulju 2015 u s-Sibt 1 ta' Awwissu 2015; filwaqt li l-konvenuti jghidu li dan sehh fid-29 ta' Mejju 2015.

Jingħad ukoll illi l-kawza nfethet **25 ta' Settembru 2015.** Issir riferenza għar-rapport tal-pulizija – folio 71, li jġib id-data tat-3 ta' Awwissu 2015. Fih hemm imnizzel li l-inċident mertu tal-kawza odjerna seħħ bejn is-**27 ta' Lulju 2015 u l-1 ta' Awwissu 2015**. Il-konvenuti f'dak l-istadju ma ikkontradixxewx dan il-fatt. Imbagħad jingħad illi l-korrispondenza legali skambjata bejn il-partijiet – folio 4 sa' folio 7 – isegwu id-data tar-rapport lill-pulizija. Għaldaqstant, il-Qorti temmen li l-verzjoni veritiera dwar id-data meta seħħ l-ispoll hija dik tal-attur għaliex din hija ikkoraborata mir-rapport tal-Pulizija.

Jingħad illi l-kawża nfetħet fil-25 ta' Settembru 2015, u għalhekk entro it-terminu ta' xahrejn impost mil-liġi minn meta seħħ l-ispoll u ċioe bejn is-27 ta' Lulju 2015 u l-1 ta' Awwissu 2015. Għaldaqstant dan it-tielet element ukoll huwa sodisfatt.

Illi, kif ingħad, l-azzjoni tal-ispoll tirnexxi jekk ikun hemm il-konkors tal-elementi kollha tagħha, u f'dan il-kaz tirrizulta prova konkludenti biex tiġi stabbilita l-ezistenza tat-tliet elementi tal-actio spolii.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti Tiddeciedi billi Tilqa' t-talbiet attrici u (1) Tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll; u (2)

Tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien xahrejn jirreintegraw lill-attur fil-pussess pristinu tal-mina, u dan a spejjez unikament tal-konvenuti; u (3) f'kaz ta' inadempjenza da parti tal-konvenuti fiz-zmien koncess, tawtorizza lill-attur iwaqqa' l-hajt hu sabiex jigi b'hekk ripristinat fil-pussess tieghu, a spejjez unikament tal-konvenuti u dana taht is-supervizjoni tal-Perit Sean Micallef li ghandu jirredigi r-rapport relattiv u jipprezentah fl-atti ta' din il-kawza hekk kif jespleta l-inkarigu tieghu. F'kaz illi l-Perit hekk mahtur jiltaqa' ma' xi tfixkil sabiex jespleta l-inkarigu tieghu, huwa ghandu jinforma b'dan lil din il-Qorti permezz ta' rikors appozitu sabiex din il-Qorti tiehu l-provvedimenti opportuni. Ghal dan il-ghan il-Qorti qeghda tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex jinnotifika lill-Perit hekk mahtur b'din is-sentenza sabiex jigi komunikat lilu dan l-inkarigu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Il-Qorti tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza ghandha tinghata lill-partijiet minnufih u titpogga immedjatament fis-sistema digitali tal-Agenzija tal-Qrati.

Moghtija illum 10 t'April 2025 fil-bini tal-Qorti, Ghawdex.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Margaret De Battista

Deputat Registratur